MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 538/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa`)**
**Vs**
**Emanuel Tabone**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 409457(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fit-13 ta' Settembru, 2011 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh fl-ammont ta' tlettax-il elf u seba` mitt Ewro

(€13,700) ghad-dannu ta’ Katya Chetcuti minn Hal-Tarxien.
Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe` approprja ruhu minn ammont ta’ tlettax-il elf u seba` mitt Ewro (€13,700) ghad-dannu ta’ Katya Chetcuti minn Hal-Tarxien, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Novembru, 2012, li biha, wara li rat l-artikolu 28H (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ddikjarat lill-appellant Emanuel Tabone illi naqas milli jikkonforma ruhu mad-direttiva ta’ l-sitess Qorti ossia li jhallas lil Katya Chetcuti l-ammont ta’ tlettax-il elf u seba` mitt ewro (€13,700) u ghalhekk il-Qorti ordnat li s-sentenza sospiza moghtija fil-15 ta’ Frar, 2012 ghandha tibda ssehh.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta’ Novembru, 2012 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-15 ta’ Frar, 2012, billi tikkonferma dwar l-approprijazzjoni indebita semplici u thassaraha dwar il-kwalifiki li jaqghu taht l-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali, taghmel applikabbli ghaliha l-kontinwat, u ghalhekk tirriduci l-piena inflitta u bhala sospiza, u dwar il-konvenzjoni thassar l-istess ghar-ragunijiet premessi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-artikolu 28 I (1) jghgid : 281 (1) Ghall-finijiet ta’ xi dritt ta’ appell, ordni li jsir minn Qorti bis-sahha ta’ l-artikolu 28B(1) jew ta’ l-artikolu 28H(5) li sentenza sospiza ghandha tibda ssehh ghandu jitqies bhaala sentenza moghtija lill-hati minn dik il-Qorti ghar-reat li dwaru tkun inghatat is-sentenza sospiza.

Il-kliem b’ittri grassi, mizjuda mill-appellanti, jgibu li meta tigi konvertita sentenza sospiza l-appell li jigi introdott imiss mhux biss is-sentenza li tikkonverti imma jestendi wkoll ghar-reat, u ghalhekk ifisser li l-appell huwa estiz anke ghas-sentenza originali. F’dan il-kaz is-sentenza tal-15 ta’ Frar, 2012.

Huwa minnu li l-appellant ammetta fil-15 ta’ Frar, 2012, u nghatat is-sentenza. Pero` ezami akkurat tal-istess sentenza juri li fejn instabet il-htija kien hemm inkluzi l-elementi msemmija fl-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali, meta l-esponenti ma kelu l-ebda amministrazzjoni, professjoni, depositu necessarju jew xi element specjali iehor li jindistingwi l-operat tieghu minn dak ir-reat imsemmi fl-artikolu 293 tal-Kodici.

Il-piena hija anqas gravuza skond l-artikolu 293.

Is-sentenza tal-15 ta’ Frar, 2012, issemmi wkoll li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, u dan ifisser li kien se jkun hemm diminuzzjoni tal-piena.

Issa jekk jigi kunsidrat il-kwadru tal-pieni, tenut kont tad-diminuzzjoni minhabba l-ammissjoni bikrija, l-piena erogata kemm tkun ferm anqas.

Aktar minn hekk l-istess akuza tghid li kien hemm b’azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti. Dan ifisser li kien hemm total migbud mill-prosekuzzjoni fl-akkuza, u mhux eluf ta’ Ewro f’kull darba. Issa huwa risaput li meta jkun hemm il-kontinwat, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-ammont ta’ l-akbar okkazzjoni. (Ara sentenza App. Kriminali Pul vs Peter Borg – 18/6/2009) u mhux it-total.

In kwantu ghas-sentenza li ordnat il-konvenzjoni, l-istess ligi tghid li ordni bhal dik hija bla pregudizzju ghall-azzjoni civili bejn il-partijiet, anke f'dak li hu ammont dovut. L-esponenti ghandu kull dritt li jikkontesta l-ammont, ghaliex Qorti Kriminali fil-fatt m'ghandhiex kompetenza civili biex tidderimi kwestjonijiet civili. Certament debitur ghandu dritt iqajjem kwistjoni ta' preskrizzjoni civili, ghaliex il-bidu ta' azzjoni penali ma tinterrompix il-preskrizzjoni civili. Il-kwerela tal-parti civili mhix att interruttiv tal-preskrizzjoni civili. Ili l-esponenti ghandu dritt li jipprevalixxi ruhu minn tali drittijiet.

Illi fil-mertu tal-konverzjoni, l-esponenti stqarr li l-mezzi tieghu huma zghar hafna, u mhux f'qaghda li jhallas l-ammont kollu f'daqqa minghajr ebda pregudizzju. Illi huwa principju assodat fil-gurisprudenza kollha li nemo ad impossibilia tenetur.

**Il-parti tal-aggravju dwar l-estensjoni tal-appell għas-sentenza oriġinali.**

L-appellant issottometta li meta tkun konvertita sentenza ta' priġunerija sospiża minħabba li l-ħati ma jkunx attempora ruħu mal-ordni tal-Qorti, l-appell li jkun introdott minn tali sentenza ta' konverżjoni jestendi wkoll għas-sentenza oriġinali. Is-sentenza oriġinali f'dan il-każ ingħatat fil-15 ta' Frar, 2012.

L-ewwel ħames paragrafi a fol 38 (li jifformaw it-tieni parti tal-appell) jikkonċentraw fuq 'appell' mill-mertu tas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Frar 2012.

Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma taqbilx li appell minn sentenza ta' konverżjoni jġib awtomatikament id-dritt li wieħed jappella fuq is-sentenza oriġinali. Dan huwa żgur dak li ma jridx il-Kodiċi Kriminali li jipprospetta terminu wieħed biex ikun intavolat l-appell. L-artikolu 417(1) huwa ċar dwar dan għax jistupula tmint ijiem ta' xogħol, u fil-każ ta' appell minn kawżi maqtugħa mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fi żmien tnax-il jum tax-xogħol li jibdew

jgħaddu, għall-persuna ħatja u għall-kwerelant, mill-ġurnata tas-sentenza definittiva.

Kulma jagħmel l-artikolu 28I tal-Ka 9 huwa li jipprovdi għall-dritt ta' appell dwar ordnijiet li jsiru minn qorti bis-saħħa tal-artikolu 28B(1) jew tal-artikolu 28(H)(5) li s-sentenza għandha tibda sseħħ. Dan l-ordni għandu jitqies bħala sentenza mogħtija lill-ħati minn dik il-qorti għar-reat li dwaru tkun ingħatat is-sentenza sospiża.

Bl-artikolu 28I, il-Leġislatur qed jagħtik dritt tal-appell minn tali ordnijiet imma bl-ebda mod ma qed jiftaħ il-mertu tal-ewwel sentenza li fiha tkun ingħatat piena ta' priġunerija sospiża.

L-appellant jallega li kien żbalji fis-sentenza tal-15 ta' Frar 2012. Fil-fehma tal-Qorti dawn setgħu biss ikunu ikkunsdrati kieku l-appellant intavola appell fiż-zmien utli mis-sentenza msemmija. Ġaladarba dan ma sarx il-mertu ta' dik is-sentenza jibqa' kif imiss.

Għalhekk ġaladarba ma nġabet ebda prova li kien hemm xi appell mis-sentenza mogħtija fit-15 ta' Frar 2012 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Emanuel Tabone' (fol 22), din għaddiet in ġudikat u t-tmint ijiem ta' xogħol mid-data msemmija ilhom sew li għaddew. Altru tagħti dritt ta' appell minn ordni u altru terġa' tiftaħ il-mertu ta' sentenza li jkunu għaddew ix-xhur minn fuqha. Barra dan, li kieku wieħed kellu jaċċetta din is-sottomissjoni, kull ordni li tingħata jinħoloq dubju dwar il-bażi tagħha.
Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad dik il-parti tal-aggravju dwar li l-artikolu 28I tal-Kap 9 b'xi mod jestendi d-dritt ta' appell għas-sentenza oriġinali.

**It-Tieni parti tal-Aggravju – Drittijiet Ċivili tal-appellant.**

It-tieni part tal-aggravju hija li l-appellant għandu kull dritt li jqanqal kwistjonijiet ċivili dwar jekk l-ammont mitlub hux preskritt jew jekk hux dovut kollu kemm hu.

Ikkonsidrat

Il-Liġi mhux qed tippriva lill-ħati milli jikkontesta xi ammonti. F'dan il-każ, fil-15 ta' Frar 2012, l-appellant kien ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u fl-imputazzjonijiet kien hemm indikat l-ammont dovut. L-artikolu 28H jagħti setgħa lill-Qorti b'kompetenza kriminali biex isir il-ħlas 'għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat.' Dan kollu jgħodd ukoll għal min jakkwista bi frodi (kif jidher fil-ħames vers tal-ewwel paragrafu tal-artikolu 28(H).) L-ewwel imputazzjoni hija dik ta' frodi u l-appellant wieġeb li kien ħati. Kulma għamlet il-Qorti kien li applikat il-Liġi u mhux arrogat għaliha xi kompetenza ċivili.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll din il-parti tal-aggravju.

**It-Tielet Parti tal-Aggravju – Nuqqas ta' mezzi**

Din il-parti tal-aggravju tikkonċentra fuq in-nuqqas ta' mezzi tal-appellant u l-principju 'Nemo ad impossibilia tenetur.'

Bir-rispett kollu meta kwalunkwe Qorti tagħti ċ-ċans lil xi ħati billi tissospendi l-piena karċerarja u magħha torbot obbligu ta' ħlas mhix qed toħloq xi obbligu ċivili ġdid iżda sempliċiment li wieħed jirrestitwixxi dak li ħa. Il-vittma m'għandux jibqa' jbati waqt li dak li jkun ħadlu l-flus jibqa' inadempjenti għax ikun nefaq il-flus.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju wkoll.
Konklużjoni.

Il-Qorti bl-ebda mod m'hi qed tippronunzja ruħha fuq is-sentenza tal-15 ta' Frar 2012 għaliex din ilha li għaddiet in ġudikat u għalhekk qed tiċħad kull aggravju dwarha. Barra dan, il-Qorti qed tiċħad l-appell mill-ordni tal-Qorti tat-8 ta' Novembru 2012 u qed tikkonferma din l-ordni fl-intier tagħha b'seħħ minnufih.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------